MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1704/1999/1

**Avviz numru 1704/1999DMCarmelo Gauci u martu Helen**

**Vs**

**George Magri u William Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti (jew minn minnhom) sabiex ihallsu s-somma ta' Lm324.79 danni subiti mill-istanti in segwitu ghal-incident stradali li sehh fit-28.05.99 f'Hal-Qormi bejn car nru JAJ 475 misjuqa mill-istanti u car nru BAP 554 misjuqa mill-konvenut George Magri u car HAO 184 misjuqa mill-konvenut William Abdilla - prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghall-incident u danni minhabbba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-12.10.99 (zewg notifiki ) u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 (zewg notifiki) u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Magri fejn eccepixxa illi:

1 Huwa ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident imsemmi u dan anke peress illi l-vettura tieghu giet imbuttata fuq dik tal-attur mill-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' cessjoni fil-konfront biss tal-konvenut William Abdilla pprezentata fit-12 ta' Jannar 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Billi l-atturi cedew il-kawza fil-konfront biss tal-konvenut William Abdilla, il-Qorti qedgha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fejn jirrigwardaw dan il-konvenut William Abdilla.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba fil-konfront tal-konvenut George Magri, jirrizulta li l-provi jikkonsistu esklusivament fid-deposizzjoni tal-attur, Carmelo Gauci, u d-dokumenti minnhu esibiti.

Il-konvenut George Magri jillimita ruhu ghan-nota tal-eccezzjonijiet fejn iddikjara li ma kienx responsabbli ghall-incident billi l-vettura tieghu kienet giet imbuttata minn vettura ohra ghal fuq il-vettura tal-attur.

L-attur infatti jirrikonnoxxi illi kien hemm effettivament vettura ohra illi kienet mahbuta mal-vettura tal-konvenut Magri dak in-nhar tal-incident, u jistqarr ukoll illi effettivament wara l-ewwel daqqa li rceviet il-vettura tieghu huwa hass ukoll daqqa ohra sussegwenti.

Dan jimplika illi l-iskontru bejn il-vetturi tal-konvenuti avvera ruhu wara il-habta bejn il-vettura ta Magri ma dik tal-attur u l-effett ta dan l-ahhar skontru setgha ukoll kellhu xi effett fl-entita tad-danni rizultanti.

Pero’ xorta wahda jirrizulta illi l-uniku fatt definittivament ipprovat u illi huwa l-kawza diretta ta’ l-hsara li soffriet il-vettura tal-attur huwa il -kuntatt li sar bejn il-vettura tal-konvenut, George Magri, u l-vettura tal-attur, Carmelo Gauci.

Kien jispetta lill-konvenut George Magri illi, biex jiskulpa ruhu jew almenu biex jillimita r-responsabbilta’ tieghu, jgib provi sufficjenti biex jimplika lis-sewwieq l-iehor William Abdilla fir-responsabbilita’ tal-kollizzjoni bejn il-vettura tieghu u dik ta’ Gauci, jew biex jimplika lill-istess Abdilla fl-estensjoni tal-hsara li sofra l-attur..

Izda l-konvenut Magri, mhux biss ma gab ebda prova f’dan is-sens, izda jidher illi anke fil-jum tal-incident huwa ma ha ebda pass fil-konfront ta William Abdilla, is-sewwieq tal-vettura li habtet mieghu, u lanqas ma ha passi biex jottjeni almenu dikjarazzjoni dwar il-habta ‘front to rear’ kif fil-fatt ghamel hu fil-konfront tal-attur.

Ghaldaqstant mill-provi prodotti ssib illi huwa l-konvenut George Magri li huwa unikament responsabbli ghad-danni illi sofriet il-vettura tal-attur Carmelo Gauci u ghalhekk irid jghamel tajjeb ghal hsarat rizultanti.

Dawn il-hsarat fl-ammont ta’ LM324.79 (tlett mija u erba’ u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi) kif talab l-attur ma gewx ikkontestati u jirrizultaw ukoll ippruvati mid-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut George Magri sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba  ta’ LM324.79 (tlett mija u erba’ u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz fil-waqt illi tiddikjara wkoll illi l-istess konvenut George Magri huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwisjtoni u ghad-danni rizultanti.

Inoltre tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas l-imghax legali fuq is-somma ta’ LM324.79 (tlett mija u erba’ u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi) b’effett mill-10 ta’ Jannar tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut George Magri hlief ghal dawk li jirrigwardaw it-talba ceduta fil-konfront ta’ William Abdilla li ghandhom jibqghu a karigu tal-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------